MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 378/2014

Kawza fil-lista: 22

**L-Avukat Ludvic Caruana fil-kapacita' tieghu**

**bhala mandatarju specjali tal-assenti A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur nomine li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. “Illi permezz ta' prokura, l-avukat sottoskritt gie mahtur bhala mandatarju specjali ta' l-assenti A B li jghix barra minn Malta u ghalhekk ma jistax ikun prezenti ghal dawn il-proceduri.

2. Illi l-partijiet izzewgu fl-17 ta' Marzu tas-sena 1977.

3. Illi huma ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin;

4. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Reuben Debono u datat 13 ta' Lulju 2006.

5. Illi miz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe Lydia u Alexandra, illum t-tnejn maggorenni.

6. Illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet.

7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi reqistrat fir-Reqistru Pubbliku.”

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz taghha issottomettiet:-

1. “Illi l-esponenti ma tistax taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u dan stante li l-ewwel l-imsemmi A B huwa issa f'posizzjoni li jassisti lill-martu billi jipprovdilha manteniment

xieraq u adegwat t-tieni li 1-imsemmi ghalkemm huwa mizmum garanti in solidum ma' martu fir-rigward tal-kaz Debono Mark vs B C et ma ghandu ebda proprjeta mobbli jew immobbli biex jaghmlu tajjeb ghal dan.

Ghaldaqstant titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Ma tilqax t-talbiet kontenuti fir-rikors tal-attur"

2. Tiffissa dik ir-retta alimentarja mensili xierqa ghal esponenti u tordna lil attur sabiex jibda jhallas l-ammont hekk stabbilit minnha kif ukoll sabiex jipproduci garanzija adegwata jew mobbli jew immobbli ghall-possibilita tal-ezitu tal-vertenza Debono Mark vs B C et."

Semghat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2014.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta.

Ikkonsidrat.

Permezz tar-risposta taghha l-konvenuta resqet is-segwenti eccezzjonijiet:-

1. Illi ghalkemm fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet ippubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono fit-13 ta' Lulju 2006 il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghal "past, present and future maintenance" il-konvenuta qed tippretendi manteniment minghand zewgha peress li skond il-konvenuta "huwa issa f'posizzjoni li jassisti lill-martu billi jipprovdilha manteniment xieraq u adegwat".

2. Illi l-konvenuta flimkien ma' zewgha huma garanti in solidum fir-rigward tal-pretensjonijiet trattati fil-kawza pendenti "Mark Debono vs. B C et" u l-attur ma ghandu ebda proprjeta' mobbli jew immobbli jaghmlu tajjeb ghal dan.

Il-konvenuta ghalhekk filwaqt li ssottomettiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, talbet lill-Qorti tiffissa manteniment ghaliha kif ukoll sabiex jipproduci garanzija adegwata ghall-possibilita' tal-ezitu tal-vertenza fil-kawza imsemmija.

Ikkunsidrat.

**Il-Ligi.**

**Artikolu 66B tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:-

“**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) “fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) “ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) “il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*“Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta’ manteniment:*

*“Iżda wkoll għall-fini ta’ dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b’sentenza ta’ separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f’kuntratt ta’ separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

Ikkunsidrat.

L-eccezzjoni tal-konvenuta illi t-talba ghad-divorzju ghandha tigi michuda fuq il-pretest li l-attur qieghed issa f'posizzjoni, presumibilment b'differenza tal-posizzjoni fiz-zmien li gie ppubblikat il-kuntratt tas-separazzjoni, li jhallas manteniment, ma fiha l-ebda fondament legali. L-artikolu appena citat jipprovdi testwalment illi kull parti fiz-zwieg hija libera illi tirrinunzja ghad-dritt tal-manteniment, "f'kull zmien" tipprovdi l-ligi. Ghalhekk ir-rinunzja reciproka ghall-manteniment li l-partijiet ghogobhom jikkontrattaw fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali hija rinunzja li bejn il-partijiet ghandha s-sahha ta' ligi liema rinunzja ma tistax tigi newtralizzata b'eccezzjoni f'rikors ghal divorzju.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Fit-tieni eccezzjoni taghha l-konvenuta qed titlob li l-Qorti timponi fuq l-attur garanzija sabiex taghmel tajjeb ghal pretensjoni ta' terzi kontra l-partijiet ventilata f'kawza pendenti quddiem Qorti ohra. Fil-fehma tal-Qorti anke din l-eccezzjoni ma fiha l-ebda fondament legali.

**Artikolu 66I (3) tal-Kodici Civili** jipprovdi illi:-

*"Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment."*

Huwa evidenti minn qari tas-sub-inciz appena citat illi l-garanzija kontemplata f’kuntest ta’ sentenza dwar divorzju tirreferi esklussivament ghall-kawtela ta’ manteniment u mhux ghal pretensjonijiet ohra li m’ghandhom x’jaqsmu xejn ma’ manteniment.

Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-kawza.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------